MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Numru 1092/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA
VS
MALCOLM ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Malcolm Zammit, ta’ 21 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Mejju 1983, residenti f’105, ‘Sliem’, Msida Road, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 249883(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Settembru tas-sena 2004, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu flus ta’ David Camilleri

propjetarju tal-kumpanija Bathroom Design Ltd, li jeccedu l-elf lira Maltin (Lm1000), liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, xjentement issoprima t-tracci jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artiklu 18, 111, 293 u 294 tal-Kap 9, u Artiklu 9 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar, u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat, il-fatt illi huwa 'a first offender', u minhabba l-fatt illi fil-mori tal-kawza, l-imputat irnexxielu jhallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------